**173. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

Illi l-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Poplu filwaqt li tappoġġja l-egħmil tal-Gvern biex is-servjzz tat-Trasport Pubbliku jimxi bl-aħjar mod possibbli; fl-interess kemm tal-Pubbliku kif ukoll tal-impjegati u tas-sidien tal-buses;

Tħoss illi minħabba l-waqfien ta' dan is-servizz; minn naħa tas-sidien tal-buses, il-pubbliku issa bata biżżejjed, u mhux sewwa li jkompli jbati iżjed;

B'sogħba l-Kamra tifhem illi fiċ-ċirkostanzi preżenti, jekk is-sidien tal-Buses jibqgħu stinati li ma jħaddmux dan is-servizz, l-unika soluzzjon hija li l-Gvern stess iwaqqaf servizz ta' Trasport Pubbliku mill-aktar fis possibbli;

Għal dan il-għan, il-Kamra tawtorizza lill-Gvern biex jagħmel dak kollu li hemm bżonn, u jieħu l-passi kollha meħtieġa, sabiex dan is-servizz iseħħ mingħajr telf ta' żmien.

24.02.1979